MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru 716/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**JOSEPH AZZOPARDI**

**CAROLINE BIANCO**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' Nru. 343064M

U

Caroline Bianco detentur tal-karta tal-identita' Nru. 193075M

Gew akkuzati:

Joseph Azzopardi fl-20.03.2002 fil-Qorti tal-Magistrati quddiem il-Magistrat Dr. J. Padovani Grima, LL.D. ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna impputata jew akkuzata Art. 104 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. u

Caroline Mangion nee' Bianco fit-23.03.2001 fil-Qorti tal-Magistrati quddiem il-Magistrat Dr. J. Padovani Grima, LL.D. tat xiehda falzi fi proceduri kriminali dwar delitt ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna impputata jew akkuzata Art. 104 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. u

talli huma Joseph Azzopardi u Caroline Mangion nee' Bianco fl-20.03.2002 u fit-23.03.2001 rispettivament u fl-istess cirkostanzi taw xiehda falza fi proceduri kriminali mhux imsemmija fl-artiklu ta' qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata. Art. 105 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. u aktar

talli huma, Joseph Azzopardi u Caroline Mangion nee' Bianco fl-20.03.2002 u fit-23.03.2001 rispettivament u fl-istess cirkostanzi halfu il-falz quddiem

imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament; Art. 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba, sabiex f'kaz li ssib htija, ghandha meta tikkundanna lil Joseph Azzopardi u lil Caroline Mangion nee' Bianco, tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali, kif ukol l-interdizzjoni milli l-hatja jservu bhal xhud, hlief quddiem il-qorti tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan skond Art. 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CE5 (Ara fol. 10 tal-Process) u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani md-deposizzjoni tal-Ispettur Carlo Ellul li fis-Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004, inter alia, qal:

"Nghid illi ahna kellna rapporti minghand certa Rita Ebejer mill-Hamrun fejn dina allegat li kienet garrbet xi griehi ta' natura gravi u konna ressaqna lil Joseph Azzopardi l-Qorti, li qed naghrfu bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla.

Din il-kawza kienet giet assenjata lill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima u fost hafna xhieda xehdu Joseph Azzopardi u Caroline Bianco. Nghid li Joseph Azzopardi kien gie misjub hati u gie kkundannat sentejn u nofs prigunerija.”

“…………………………………………..”

“Nghid illi l-imputat Joseph Azzopardi intavola appell. Nghid illi mis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali, Sede Inferjuri, dina kienet naqqset ghall-piena ta’ ghaxar xhur prigunerija, pero’ inzid nghid li fis-Sentenza kienu hargu struzzjonijiet sabiex jittiehdu passi kontra l-istess Joseph Azzopardi u Caroline Bianco peress li dawn xehdu falz fid-depozizzjonijiet taghhom, dana quddiem l-ewwel Qorti fit-23 ta’ Marzu tas-sena 2001, xhieda minn fol. 44 sa 51 u ta’ l-29 ta’ Marzu, 2002 minn fol. 125 sa fol. 142 rispettivament.”

“………………………………………..”

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami, inter alia, qal:

“Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jiena qabel ma ressaq lill-imputati l-Qorti kontx hadtilhom Stqarrija, nghid li le. Nghid jiena ressaqt a bazi tas-Sentenza li nghatat mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali li jiena kopja taghha esebejt bhala dok. CE7.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur fid-dawl tal-fatt illi l-istess Sentenza Dok. CE7 hemm miktub illi “*previa occorrendo* investigazzjoni u indagni ulterjuri da parti tal-Pulizija Ezekuttivaa”, allura qed nigi mistoqsi li ahna m’ghamilniex investigazzjonijiet u mxejna a bazi ta’ l-ordni fl-istess Sentenza. Dwar dan inwiegeb illi l-Pulizija bhala fatt m’ghamlitx investigazzjoni u indagni ulterjuri. “………………. u jiena allura kelli ngibhom il-Qorti fuq bazi tax-xhieda li l-imputati taw quddiem il-Magistrat Dr. Padovani Grima u ghalhekk jiena, biex nipprova l-kawza odierna, ix-xoghol tieghi huwa li rrid ingib provi a kuntrarju ta’ dak li

qalu l-imputati meta xehdu quddiem il-Magistrat Padovani Grima, u dana fuq parir ta’ l-Avukat Generali.”

“……………………………………….”

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta’ Stephen Farrugia li fis-Seduta tat-23 ta’ Marzu, 2001, quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. inter alia, qal:

“……………………………………………………………………………………”

“Pros: X’taf tghidilna fuq dan il-kaz?

Xhud: Kont qieghed fil-kamra t’ommi ghall-habta tat-tmienja u smajt l-ghajjat barra, u nara lil Rita Ebejer u lil Carol Bianco jiggieldu barra. U Joseph Azzopardi mill-gallarija jghajjat “tiha, tiha”.

Wara ftit dahal mill-gallarija u hareg barra mill-bieb. U meta rajtu jaghti lil Rita Ebejer ma flahtx. Inzilt u ferraqtu, sakemm rajt lil Rita Ebejer sejra lejn l-ghassa tal-Hamrun.

Pros: Jigifieri inti rajt lil Joseph Azzopardi li huwa l-imputat niezel.

Xhud: Rajtu fil-gallarija umbaghad nizel.

Pros: Ghal liema skop inzilt inti?

Xhud: Ma flahtx narah itiha.

Pros: Rajtu itiha inti?

Xhud: Iva.

Pros: Lil min beda jaghti?

Xhud: Lil Rita.

Pros: Kif beda jtiha?

Xhud: Bil-ponn u bis-sieq.

Pros: Umbaghad x'ghamilt int?

Xhud: Inzilt isfel u ferraqtu, ghidtlu 'taghlix". Umbaghad wara li spicca kollox u Rita marret lejn l-ghassa giet ommi u qaltli "idhol 'il gewwa" bhala speci.

Pros: Dan wara li ferraqtuhom.

Xhud: Iva. (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami, inter alia, qal:

"Difiza: Inti qed tghid illi kien qieghed fil-gallarija u nizel isfel, hux veru?

Xhud: Hekk hu.

Difiza: U rajtu hiereg 'il barra?

xhud: Hareg mill-bieb.

Difiza: U inti kont qieghed fejn?

Xhud: Fil-gallarija.

Difiza: Issa meta qed tghidilna rajtu jtiha, tista' tispjegalna fejn laqatha please?

Xhud: Go dahrha, bis-sieq, bil-ponn. Go wiccha.

Difiza: Kif kienu qeghdin huma?

Xhud: Tahti ezatt.

Difiza: Qed tghidilna li stajt tarah init, ma kienx dahru lejk.

Xhud: Le.

Difiza: U min kien hemm izjed ma' Rita Ebejer?

Xhud: Bianco Carol. Kienu qed jiggieldu huma t-tnejn l-ewwel, Carol Bianco u Rita Ebejer.

Difiza: U rajthom jaghtu lil dawn it-tnejn?

Xhud: Iva.

Difiza: U qed tghid illi umbaghad nizel Joseph Azzopardi u rajtu jaghti inti f'dahrha u f'wiccha.

Xhud: Bis-sieq u bil-ponn.

Difiza: Jekk nghidlek li Joseph Azzopardi ma tahiex f'wiccha, xi tghid?

Xhud: Ifhimni kieku ma rajtux itiha ma kellix ghalfejn ninzel mill-gallarija.

Difiza: Inti qed tghid li rajtu jtiha f'dahrha u f'wiccha.

Xhud: Bil-ponn u bis-sieq.

Difiza: Jigifieri b'zewg idejn iklapsjati u jaghti bihom?

Xhud: Iva, b'hekk ma flahtx.

Difiza: U bis-sieq qed tghid ukoll.

Xhud: Iva."

"……………………………………………………………………………………."

"Xhud: Dak il-hin impossibbli nkompli narah itiha jien. Jiena naf li qbadtu minn fuqha, zammejtu.

Qorti: "………………………." "Meta nzilt tigri hu kien ghadu qed itiha jew kien waqaf itiha?

Xhud: Le kien ghadu qed itiha. Kien qieghda fuqha.

Qorti: U inti kellek taqilghu fizikament minn fuqha, minn fuq Rita Ebejer.

Xhud: Iva, u hadtu ftit 'il passi boghod.

Difiza: U Caroline Bianco fejn kienet dan il-hin kollu jekk joghgbok?

Xhud: Taht Rita Ebejer.

Difiza: Taht Rita Ebejer kienet?

Xhud: Ghax kienu qed jiggieldu. B'hekk taha go daharha.

Difiza: U inti lil Caroline Bianco rajtha qed tissawwat?

Xhud: Kienu qed jiggieldu Rita u Caroline.

Qorti: U dak il-hin li inti qlajt lil Joe Azzopardi minn fuq Rita, Caroline Bianco kienet taht Rita?

Xhud: Kienu mal-art it-tnejn li huma, go xulxin." (Sottolinjar tal-Qorti)

Il-Qorti tirrileva li dan ix-xhud Stephen Farrugia ma ngiebx biex jixhed quddiem il-Qorti fil-kawza odierna.

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' Giorgina Farrugia li fis-Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006, inter alia, qalet:

"................................." "Jien rajt f'daqqa wahda zewg nisa jiggieldu u nghid illi wahda minnhom kienet Caroline li qed naghrafha bhala wahda mill-imputati prezenti fl-Awla w il-mara l-ohra kienet Marita. Imbaghad f'hin minnhom nara lil Steve Farrugia li huwa beda jzomm lil Joe Azzopardi li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla hdejn l-imputata l-ohra Caroline u dan beda jghidlu oqghod kwiet ghax taghli. Dan huwa kolla li rajt. Jien iz-zewg nisa li semmejt rajthom jiggieldu imma nghid illi jien ma rajtx dmija fuq xi hadd minn dawn iz-zewg nisa. Li naf hu li t-tnejn kienu fl-art u t-tnejn rajthom imbaghad iqumu mill-art u bdew jaghtu meta kienu fl-art. Nghid illi jien kull ma rajt huwa lil dawn iz-zewg nisa jaghtu u jien in kwantu ghal dak li ghidt fuq Steve dan li rajtu li ghamel beda jzomm lil Joe Azzopardi u beda jghidlu oqghod ghax taghli. Nghid illi l-persuni l-ohra li kien hemm mieghi barra meta semghu t-twerziq dahlu jigru 'l gewwa." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta’ Mary Farrugia li fis-Seduta tal-5 ta’ Dicembru, 2006, inter alia, qalet:

“Jiena residenti f’Maitland Street, Hamrun u nghid illi xi snin ilu jien kont qeghda bil-qeghda barra u nghid illi smajt lill-imputat Joseph Azzopardi li qed naghrfu prezenti fl-Awla u li kien fil-gallarija u dan beda jghajjat kemm jiflah u dan smajtu jghajjat u beda jghid xi diskors u smajtu jghid tihielha u smajtu jghid ukoll thallihiex issawtek u nghid illi dan Azzopardi beda jghid dan id-diskors lil Caroline li qed naghrafha bhala wahda mill-imputati prezenti fl-Awla u dak il-hin kienet qed tiggieled ma certu wahda Rita. Dawn it-tnejn huwa neighbours tieghi.” “............. u li naf huwa li ibni kien qieghed fil-gallarija u imbaghad meta Jospeh Azzopardi hareg fit-triq dan ibni Steve mar u hzammu minn idejh u beda jghidlu itla’ ‘il fuq u taghlix. Jien lill-imputat Joseph Azzopardi ma rajtu jsawwat lil hadd. Nghid illi lil Joseph Azzopardi rajtu fit-triq u nghid illi rajt lill-ibni jzommu.” (Sottolinjar tal-Qorti)

F’dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta’ Rita Ebejer li fis-Seduta tal-20 ta’ Marzu, 2007, inter alia, qalet:

“Nghid illi jiena u l-imputata Caroline Bianco li qed naghraf hawnhekk prezenti fl-Awla kellna xi nghidu. Ahna mbaghad qbadna u gejna fl-idejn u waqt li konna qeghdin naghtu kien hemm Jospeh Azzopardi li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Li da kien qieghed fil-gallarija. Mill-gallarija dan Azzopardi beda jghajjat b’ lehen gholi tiha, tiha, tiha. Beda jghid ukoll kliem oxxen f’ hin minnhom meta jiena u Caroline Bianco konna qeghdin naghtu mal-art nizel l-imputat Joseph Azzopardi. Qabad itini. Huwa kissirli kustilja, qalghali sinna minn ta’ quddiem minn ta’ fuq. Kien hemm gar mit-triq tieghi Stephen Farrugia li kien qieghed fil-gallarija jara lil Joseph Azzopardi jaghmel dan. Nizel jigri biex izomm lil Joseph Azzopardi biex Azzopardi ma jkompliex itini.

Dana kif Stephen beda jzomm lil Joseph Azzopardi, Joseph Azzopardi beda jghid hallini, hallini u qal ukoll hallini ha nkompli ntiha. U mbaghad l-ahhar daqqa li tani kien ghaqqad idejh flimkien u tani daqqa mod illi kissirli kustilja." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' Caroline Bianco li fis-Seduta tal-23 ta' Marzu, 2001 quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. inter alia, qalet:

"........................................................................................................................"

"Xhud: L-incident kien fit-23 ta' Awissu u kien fil-hin fit-tmienja u nofs. Jiena mort nixtri dak il-hin. Kif kont sejra nixtri l-ilma nismaghha tghid lil Ruth Ebejer "waqqaghha ghan-nejk l-Imhallef". Ghax jiena giet l-Imhallef id-dar ghax ghandna kaz fuq l-imbarazz, u jiena bqajt ghaddeja, u qalet "ghaddejja l-ghageb". Ghidt "halliha, tkompli tparla". X'hin gejt lura nismghha tghid "ghaddejja l-ghageb". Qbizt jiena, dort, ghidtilha "ghageb int". Sadanittant jiena bqajt ghaddejja lejn id-dar. Qamet minn fejn kienet u f'daqqa wahda qabditli xaghri u qbadna naghtu. Qbadna naghtu, ma nafx kif.

Qorti: Jigifieri hi giet l-ewwel fuqek.

Xhud: Iva, hi. U qbadna naghtu. Qalet li tajjartilha sinna. Jekk tajjartilha sinna b'daqqa ta' ras zgur jigifieri.

Qorti: Inti ma tajthiex b'idejk?

Xhud: Ahna x'hin qbadna naghtu bl-idejn u b'kull ma beda jigi, jigifieri bl-idejn u bis-sieq bdejna naghtu ahna. U hi qabditni minn xaghri u bdiet ittini mal-art. U jiena ghamilt is-sahha u tajtha daqqa bir-ras fuq is-sinna.

U hu jigifieri lanqas missha ghax kellu t-tfal mieghu, kellu tifla ta’tliet xhur u tifla ta’ erba’ snin.

Parti Civili: F’xi hin, meta intom kontu qed titqaghbdu f’xulxin , kien hemm l-imputat prezenti?

Xhud: Le ma kienx hemmhekk ghax hu kien bit-tfal. Jigifieri Joseph ma setax johrog. Sakemm hareg Joseph biex ifferaq hi kienet diga’ qieghda l-ghassa tal-Hamrun.

Parti Civili: Jigifieri inti qed tghidilna meta hareg iferraq Joseph, hi ma kienetx hemm.

Xhud: Hi ma kienetx hemm.

Parti Civili: Jigifieri Joseph qatt ma kellu kuntatt maghha?

Xhud: Le, qatt ma kellu kuntatt ma’ Rita Ebejer.

Parti Civili: Inti taf li qieghda taht gurament hux?

Xhud: Iva naf, kieku m’inix ser nahlef quddiem Alla. U tfal ghandi jiena, u ergajt tqila b’tarbija ohra.

Parti Civili: Jigifieri inti qed tghid li Joseph ma kellu ebda kuntatt ma’ Rita Ebejer.

Xhud: <u>Le, ma kellux.</u>

Dr Herrera: Inti ghidtli gie jferraq. Jekk ma kienx hemm Rita Ebejer hemmhekk, x'gie jferraq jaghmel? Gie jferraq lilek wahdek?

Xhud: X'hin nizel biex iferraq hi ma kienetx hemm." (Sottolinjar tal-Qorti)

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta' Joseph Azzopardi li fis-Seduta tal-20 ta' Marzu, 2002 quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., inter alia, qal:

"Difiza: Joseph, spjegalna ftit dakinhar tal-incident x'gara u ma garax ezatti. Spjega lis-Sinjurija Taghha bil-kalma kollha.

Xhud: Fit-23 ta' Awissu, fit-tmienja u nofs ta' filghaxija jiena bghatt lill-mara biex tixtri l-ilma ta' barra. Ghidtilha "mur ixtri l-ilma ta' barra", u hu u niezla mill-flat, ghadt nistenniha fil-gallarija jiena nittawwallha ghax tbaghti ftit bil-hass hazin, ghax gieli jhabbtuli n-nies jghiduli "ghandek il-mara stordiet, taha hass hazin", u ghadt nittawwallha mill-gallarija u isu zewg bibien 'l isfel minna kien hemm Rita Ebejer u kienet qed titkellem ma' zewgt ixjuh u ma' Gina. Umbaghad qaltilhom "waqqghani ghan-nejk din il-purcinella" u hafna diskors insomma;

Ghax dik kellna l-Qorti ahna, peress li ftahnielha kawza fuq l-affarijiet, ghamlitilna gallinar fil-wash room u spiccajna ahna m'ghandniex washroom taghna, allura ilna sejrin biha din, hames snin bit-trouble.

Difiza: Tra parentesi Sur Magistrat, il-kawza li qed jitkellem is-Sinjur hija kawza civili li giet deciza mill-Prim' Awla pero' hemm appell pendenti.

Xhud: Insomma, u tieghi Sur Magistrat baqghet sejra, ma tatx kasha.

U wara ftit regghet giet tieghi, bqajt nistenniha fil-gallarija jiena, u kelli zewgt itfal fuqi jiena, it-tifla ta' tliet xhur u tifel ta' erba' snin mieghi. U jiena rajtha gejja u f'daqqa wahda nerga' nisma' lil Rita, qalet "waqqajniha ghan-nejk fl-ahhar din il-purcinella".

U qabzet tieghi, qaltilha "purcinella inti. Ghalfejn qed tghidli hekk lili?"

U qamet Rita ghaliha, u tieghi telqet l-ilma minn idejha u qabdu jaghtu fit-triq. Jiena qbadt nipprepara t-tfal, libbisthom u kollox, inzilt isfel u nara l-pulizija faccata tieghi gej. Qalli "imxi maghna l-ghassa, ara dawk it-tfal fejn ser taghmilhom halli tigi maghna ha niehdu l-particulars tieghek, halli anke tmorru ghand it-tabib", ghax hi kellha hafna daqqiet go wiccha.

U mort l-ghassa maghhom, hallejt it-tfal ghand in-nies jiena.

U din Rita kienet diga' telqet lejn l-ghassa, ghax in-nies kienu diga' ferrquhom, u jiena x'hin inzilt ma sibthiex hemm. U jiena kelli t-tfal, qabadni l-pulizija fil-fatt lili.

Umbaghad morna l-ghassa mal-pulizija, u hallejt it-tfal man-nies, jiena bqajt sejjer il-clinic ma' tieghi biex taghmel certifikat ghax kellha hafna daqqiet go wiccha, ghandha anke r-ritratti u hekk, u dik il-gurnata baghtu ghal-tieghi l-ewwel, il-Qorti, jigifieri fit-23 ta' Awissu baghtu ghal tieghi.

Telghet il-Qorti u nsomma nqatghet illiberata.

Umbaghad dawruha fuqi."

"......................................................................"

Xhud: Umbaghad qbadna insomma u morna l-ghassa u telghet il-Qorti. U l-Qorti sabet li x-xhieda ta' Rita Ebejer sabithom li qed jivvintaw u jigdbu, ghax ankep pruvat iggib wahda hija biex tipprova tghid li qatghulha l-gizirana u hekk.

U dawruha fuqi Sur Magistrata. Issa dawn, ix-xhieda li telghu, ha nghidlek ghal x'hiex kienet l-istorja, ghaliex telghu favuriha lilha. Ghax dawk veru tal-qalba. Duminku Ebejer, jiena mhux biex nghajjarhom jew dan, jiena ma nghajjar lil hadd;

Qorti: Kompli fuq li gara, ghax dik ser tigi esebita s-sentenza.

Xhud: Ghax jiena nizzilt it-tfal biex nghajjat lin-nies izommuli t-tfal u f'daqqa wahda x'hin inzilt jiena ma sibt la lil Rita, kienet diga' telqet lejn l-ghassa, u faccata tieghi insib lill-pulizija, qalli "aqbad it-tfal, tihom lil xi hadd u ejja maghna".

Daqshekk kull m'ghamilna, u morna ghand it-tabib, it-tabib raha, ghandna c-certifikati tat-23 ta' Awissu, li t-tabib sabilha wiccha kollu grif u daqqiet u hekk.

Qorti: Dawn qed jigu esebiti u markati bhala dokumenti JA1 u JA2.

Difiza: Jigifieri inti nzilt jekk qed nifhmek sew biex tferraq?

Xhud: Nipprova nferraq imma lahqet telqet hija.

Difiza: Il-fatt li qed jghidu wkoll fix-xhieda, ghall-anqas illi inti kont qieghed fuq Rita Ebejer qed ittiha, dak xi tghid?

Xhud: Mhux veru, ghax qabadni l-pulizija lili bit-tfal fuqi. Kif jista' jkun? U hi lanqas kienet hemm. Jigifieri dawn affarijiet li rani l-pulizija stess.

Jigifieri lanqas nistghu ingiddbu l-pulizija, ghax rani fil-fatt mill-ewwel. X'hin ftaht il-bieb, qalli "ejja naqra hi".

Difiza: Ghandek in-numru tal-puluzija min kien?

Xhud: 426 minghalija. Ghandek in-numru, m'ilux xehed.

Qorti: Jigifieri inti bil-gurament tieghek qed tghid li ma missejthiex lilha.

Xhud: Lanqas kienet hemm Sur Magistrat.

Qorti: Le hallik illi ma kienetx hemm. Inti ma missejthiex. M'ghamiltilha xejn.

Xhud: Xejn Sur Magistrat. Dak qabdu jaghtu, ghax waqghet fuq tieghi u tieghi giet wiccha 'l-isfel u hi giet wiccha 'l fuq, x'hin marret biex tiggieled (ghax jiena rajthom minn fuq mill-gallarija), x'hin marret biex tqum tieghi, tatha daqqa ta' ras, haditha fuq is-sinna, girfitha; Lanqas dwiefer m'ghandi jiena, ara. Tista' tibghat ghalija kemm trid, dejjem hekk ha nibqa' jiena, bla dwiefer, ghax jiena d-dwiefer qatt ma zammejthom.

U din, peress li jsibuha l-buli hemmhekk, biex ma taqghax ghan-nejk, dawritha fuqi, ghax din biex ma taqghax ghan-nejk man-nies.

Qorti: Oqghod attent kif titkellem please.

Difiza: Ara Joseph, fuq ix-xhieda li telghu jixhdu hawnhekk, ghax qalu illi, per ezempju dak Stephen Farrugia qed jghid li rak taghti bis-sieq u bil-ponn. Xi tghid fuqu dan Stephen Farrugia?

Xhud: Dan Stephen Farrugia hbieb hafna mar-ragel ta' Rita Ebejer, il-hin kollu dehlin u hergin ghand xulxin u jiena m'ghandix ghalfejn nahbi, dawn ipejpu l-haxixa, u dawn ma jistghux jinqabdu ghax ghandu huh pulizija, dan Stephen;

Qorti: Qatt ghamilt rapport fuq dan kollu lill-pulizija?

Xhud: Jiena m'ghamilt xejn Sur Magistrat.

Difiza: Inti, apparti dan li ghadek kemm ghidt issa, ghall-anqas l-animu tieghek huwa li tipprova tnaqqas l-inkwiet jew li tkompli tkabbru l-inkwiet?

Xhud: Jiena l-inkwiet innaqsu ghax jiena l-inkwiet ma nhobbx infittxu.

Difiza: Apparti Stephen Farrugia, iz-zewg nisa li semmejt inti?

Xhud: Wahda minnhom ma kienetx hemm, omm Stephen, ghax dik kif rat il-glieda dahlet tigri 'l gewwa ghax bezghat, dik tant kemm bdew jisfurzawha biex titla' xhud lilha.

U l-ohra, Gina l-istess, dak il-hin kienet hemm u kif rat il-glieda, in-nies li kienu ferqu lilha kollha mhux minn dik it-triq. Kienu ghaddejin, qabdu jferrqu, lanqas jiena ma nafhom, ghax rajthom naqra hekk, fuq fuq, u telqu 'l hemm.

Jigifieri n-nies kollha bezghu, ghax peress li ahna konna ilna fl-istorja, jigifieri fuq il-washroom u hekk, in-nies x'hin raw lilna, warrbu, ghax jghidulek "ma rridx nidhol fiha din l-istorja". (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami, inter alia, qal:

"Pros: Sur Azzopardi, nghid sewwa li inti kont qed tistenna l-mara anzjuz biex jekk jinqalghalha xi haga tinzel tigri?

Xhud: Iva.

Pros: Nghid sewwa li rajthom jiggieldu u rajt wahda thebb ghaliha? X'kienet ir-raguni li ma nziltx mill-ewwel? Ghadt tirranga lit-tfal?

Xhud: Ghax jiena mhux ser inhalli lit-tfal, ta' tliet xhur u ta' erba' snin wahidhom."

"…………………………………………………………………………………………"

Pros: Seta' l-puluzija sabek fil-bieb wara li inti hebbejt ghaliha?

Xhud: Imma ma setghax.

Pros: Ghaliex ma setghax?

Xhud: Ghax jiena sabni bit-tfal fuqi.

Pros: Imma x'sabek il-pulizija. Imma seta' li sabek li kellek ghamiltu ghamiltu inti? Ghax inti ghidtli li mort tferraqhom ukoll. Hux hekk?

Xhud: Iva, mort ninzel biex inferraqhom jiena. U lahqu telqu. Allura kif tridni nferraqhom jiena la lahqu telqu?

Pros: Jigifieri lahqu telqu qabel waslu l-pulizija.

Xhud: Dazgur, qabel ma wasal il-pulizija.

Pros: Jigifieri damu ma gew il-pulizija, avolja kienu joqoghdu daqshekk vicin!

Xhud: Hargu jigru l-pulizija, mill-ewwel. Gie l-pulizija, qalli "imxi maghna l-ghassa".

"....................................................................................................."

Qorti: Ara nghidx sew illi fil-fatt kont qieghed fil-gallarija, rajthom jiggieldu, u nzilt isek vlegga ghal fuqhom?

Xhud: Le ma nziltx vlegga jiena.

Qorti: U ma missejthiex lil Rita.

Xhud: Ma missejthiex jiena.

Qorti: Bil-gurament tieghek.

Xhud: Bil-gurament.

Qorti: Ismaghni ftit, jekk jiena naqbad illi inti qed tigdeb minn hemmhekk, hazin ikun ghalik, ghax ghandek il-habs.

Xhud: Le, jiena ma jien qed nigdeb xejn Sur Magistrat, jiena l-verita' tieghi qed nghid, u tista' tibghat ghalija darb'ohra u l-istess kliem nghidlek.

Qorti: U dawk in-nies kollha, dawk ix-xhieda kollha li rawk hemmhekk issawwat mara, tigi daqs il-kwart tieghek, dawn kollha qed jigdbu ghax ghandhom ghalik, hux?

Xhud: Kieku sawwatt mara Sur Magistrat, lesti bis-sikkina ghalija biex joqtluni, ghax dawn hemm tnejn bil-pledge, tar-ragel ta' Rita Ebejer u r-ragel t'ohtha. Kieku tmissha lilha, kieku diga' qatluni hemm fuq, ghax qeghdin bi pledge kull wiehed, ahseb u ara kemm ha mmiss lil dik jiena Sur Magistart.

Jiena wahdi u m'ghandi lil hadd jaqbez ghalija, u kieku jiena mmiss lilha hemm skoss jaqbzu ghaliha dik." (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta, inter alia, in ri ezami qal:

"Dr Zammit Lewis: Inti kont hawn u smajt ix-xhieda illi Rita Ebejer sofriet griehi f'sidirha. Issa inti qed tinnega li lanqas missejtha lil Rita Ebejer?

Xhud: Ma missejthiex.

Dr Zammit Lewis: Meta inti rraportajt l-ghassa, meta gew il-pulizija, inti kont vicin ta' Rita Ebejer fil-fatt?

Xhud: Le, ghax kienet diga telqet l-ghassa. In-nies ferrquhom mill-ewwel.

Dr Zammit Lewis: Mela taf li marret tirraporta hi allura.

Xhud: Nahseb marret tirraporta hi, ghax telqet l-ghassa u gie l-pulizija fil-fatt mill-ewwel fuqi.

Dr Zammit Lewis: Issa qabel ma marret tirraporta l-ghassa, inti fejn kont?

Xhud: Jiena kont biz-zewgt itfal, tifla ta' tliet xhur u tifel ta' erba' snin.

Dr Zammit Lewis: Jigifieri inti qed tinnega li lanqas kellimtha lil Rita Ebejer.

Xhud: Lanqas kellimtha, ghax kieku nghidlek, nghidlek kellimtha." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Azzopardi li fis-Seduta tal-28 ta' April, 2008, qal:

"Nghid illi ghadna kif inqratli mill-Avukat Difensur tieghi it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li jiena tajt quddiem il-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima fis-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2002 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija Spettur Carlo Ellul kontra Joseph Azzopardi li dina tinsab, dina traskrizzjoni ta' dina d-deposizzjoni minn fol 129 sa 147 ta' l-istess process u nghid jiena nikkonferma l-kontenut kollu ta' dak li jiena kont xehedt quddiem il-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima fis-Seduta imsemmija. Jiena nghid li dak kollu li ghidt quddiem il-Magistrat Padovani Grima huwa veru." (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Fuq domanda li qeghda ssirli mill-prosekuzzjoni jekk jiena qattx sawwat lil Rita Ebejer nghid illi jiena din il-mara qatt ma sawwatha. Qed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni kif nispjega li dina Rita Ebejer spiccat bi griehi daqshekk gravi nghid jiena dawk il-griehi lil Ebejer m'ghamilthomliex jiena. L-griehi ghamlithomlha Caroline Bianco ghax hi kienet iggieldet ma' Ebejer." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Caroline Bianco li fis-Seduta tal-2 ta' Marzu, 2009, qalet:

"B'referenza ghat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li jiena kont tajt quddiem il-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima fit-23 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet versus Joseph Azzopardi, liema traskrizzjoni tad-deposizzjoni tinsab minn fol 99 sa fol 106 nghid li jiena nikkonferma l-kontenut kollu ta' dina t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni salv biss nghid illi b'referenza a fol 100 tal-process fejn hemm fil-paragrafu li jibda bil-kliem *xhud: L-incident kien fit-23 ta' Awissu* u jispicca bil-kelma *l-Imhallef* nghid illi fejn hemm l-isem Ruth dan l-isem kellu jkun Rita. U ghalhekk hawn kont qed nirreferi ghal Rita Ebejer mhux ghal Ruth Ebejer." (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qalet:

"Nghid illi lil Stephen Farrugia nafu. Kien girien taghna. Kien joqghod faccata taghna. nghid in kwantu ghal Stephen Farrugia li naf huwa li dana xi hin Stephen Farrugia gie ferraqna, cioe' gie jferraq lili u lil Rita Ebejer. Nghid illi minhabba li konna qeghdin waqt il-glieda ma niftakarx jekk Stephen Farrugia zammx lili jew lil Rita Ebejer. Nikkonferma li Joseph Azzopardi waqt il-hin kollu tal-glieda kien qieghed fil-gallarija mat-tfal. Nghid illi Joseph Azzopardi fl-ebda hin ma nizel fit-triq. U hawn nixtieq nghid li meta Rota Ebejer kienet telqet

minn fuq il-post, Joseph Azzopardi kien nizel biex ifferaqna pero' hi kienet diga' telqet.

Nghid jiena waqt il-glieda kont qeghda taht Rita Ebejer. Kont allura qeghda nhares 'il fuq u allura stajt ninota li Joseph Azzopardi kien qieghed fil-gallarija. Nghid illi t-tfal ukoll deheru fil-gallarija u rajthom. Nghid illi l-gallarija tieghi kienet bl-aluminium miftuh u allura wiehed ikun jista' jara. Nghid jiena b'rasi kont kissirtilha sinna lil Rita Ebejer u nghid illi d-daqqa fuq mohhi fejn jiena kont tajt b'mohhi biex biha Rita Ebejer kissirtilha sinna, dina l-ugigh taghha hassejtu jumejn wara. Nghid illi Rita Ebejer spiccat bis-sinna mkissra jew inkella mcaqalqa bid-daqqa ta' ras li tajtha jiena." (Sottolinjar tal-Qorti)

Minn ezami tal-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma li jemergu dubji serji dwar is-sussistenza tal-akkuzi migjuba kontra z-zewg imputati. F'dan ir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel senjatament referenza ghal dak sottolinjat hawn fuq minnha.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma ssibx lill-imputati Joseph Azzopardi u Caroline Bianco hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom fuq konflitt ta' provi u konsegwentement tillibera lill-imsemmija imputati Joseph Azzopardi u Caroline Bianco minn dawn l-akkuzi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------